**MALTA**

**TRIBUNAL GHAL TALBIET ŻGĦAR**

**ĠUDIKATUR**
**DR. ANNA MALLIA**

**Seduta tat-03 ta' Frar, 2017**

**Talba numru: 307/2016AM3**

**Lista Numru: 43**

**Express Aluminium Limited (C6658)**

**Triq l-Imdina,**

**Zebbug Malta**

**Vs**

**International Meats Limited (C41033)**

**Triq Gdida fi Triq il-Handaq,**

**Qasam Industrijali tal-Handaq,**

**Qormi QRM 4000**

It-Tribunal,

Ra l-avviz tat-talba fl-ismijiet premessi pprezentat fit-03 ta' Awwissu, 2016 li permezz tieghu s-Socjeta' attrici talbet il-hlas minghand is-Socjeta' konvenuta tas-somma ta' tlett elef erba' mija u disgha u hamsin ewro u tmien centezmi (€3,459.08c) rappezentanti

hlasijiet dovuta ghal konsenja u xoghol ta' aluminium fuq ordni tal-istess Socjeta' konvenuta kif jirrizulta mill-istatement anness Dok 'A'.

Ra li s-Socjeta' konvenuta giet debitament notifikata kemm bl-avviz tas-smigh kif ukoll bit-talba fit-12 ta' Settembru, 2016 u fis-seduta tal-10 ta' Novembru, 2016 t-Tribunal ddikjara lis-Socjeta' konvenuta kontumaci u dan gie kkonfermat ukoll mill-Avukat tal-istess Socjeta' konvenuta.

Ra l-affidavit ta' John Camilleri, amministratur tas-Socjeta' attrici li permezz tieghu spjega li l-ammont ghadu dovut u u n-nota tas-Socjeta' attrici tat-22 ta' Novembru, 2016 li permezz taghha ddikjarat li ma ghandhiex aktar provi. Ra n-nota tal-istess Socjeta' attrici tas-07 ta' Dicembru, 2016 li permezz taghha ddikjarat li kuntrarjament ghal dak li gie verbalizzat mill-Avukat tas-Socjeta' konvenuta qatt ma kien hemm probabilita' ta' tranzazzjoni u ghalhekk il-kawza ghandha tibqa ghas-sentenza.

Għaldaqstant, peress li t-talba tas-Soċjeta` attriċi tirriżulta sodisfaċentement ippruvata, it-Tribunal jilqa` t-talba attriċi u konsegwentement jikkundanna lis-Socjeta' konvenuta sabiex thallas lis-Socjeta' attrici s-somma ta' tlett elef erba' mija u disgha u hamsin ewro u tmien centezmu (€3459.08c).

Dwar it-talba tas-Socjeta' attrici li l-imghaxijiet jibdew jiddekorri mid-data tal-15 ta' Dicembru, 2015 d-data meta giet prezentata l-ittra ufficjali, jigi rilevat li tali ittra ufficjali ma gietx notifikata lis-Socjeta' konvenuta u ghalhekk l-imghaxijiet legali bir-rata ta' tmienja fil-mija (8%) ghandhom jiddekorru minn meta s-Socjeta' konvenuta giet notifikata bl-avviz tat-talba cioe` mit-12 ta' Settembru, 2016 sad-data tal-pagament effettiv.

L-ispejjeż, inkluż ta' kwalsiasi ittra uffiċjali relatati mal-ammont mitlub f'din il-kawza huma a kariku tas-Socjeta' konvenuta.

**Dr Anna Mallia**

**Gudikatur**